MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 5/2011

**Dottor Raymond Bondin**

**Vs**

**Dottoressa Corradina Miloro f'isimha proprju u f'isem id-ditta 'M.C. Restauri'**

Il-Qorti,

Permezz ta' l-avviz odjern l-attur qieghed jitlob lil din il-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta proprio et noe thallas is-somma ta' hdax-il elf u hames mitt euro (€11,500) rapprezentanti kumpens pattwit ghall-allegat servigi u konsulenzi prestati minnu lill-konvenuti in konnessjoni ma' progetti ta' restawr f'Malta u Ghawdex, liema kumpens ma thallasx hlief ghal hames mitt euro (€500) minkejja diversi weghdiet. Dan bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 94/2011 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas.

Illi l-konvenuta proprio et nomine eccepiet li Dr Bondin qatt ma rrenda servigi u/jew konsulenzi kemm lilha personalment kif ukoll lis-socjeta' M.C. Restauri.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li ebda wahda mill-partijiet ma pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet nonostante li nghataw l-opportunita' li jaghmlu dan.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din hija kawza ghal-likwidazzjoni u hlas ghal servigi u konsulenzi li l-attur isostni li ppresta lill-konvenuti in konnessjoni ma' progett ta' restawr f'Malta u Ghawdex.

**Dr Raymond Bondin**[1] xehed li huwa kien ilu jaf lill-konjugi Miloro madwar sitt snin. Sar jafhom meta kienu wettqu progett fil-Kon-Katidral ta' San Gwann. Kien iltaqa' maghhom Sqallija ghaliex huwa jwettaq hafna xoghol hemm minhabba d-dottorat fil-konservazzjoni u kien proprju huwa li hajjarhom jitfghu l-offerta ghat-tiswija tal-kaxxa ta' l-injam ta' l-orgni ta' San Gwann. Wara li tlesta' dan ix-xoghol baqghu f'kuntatt u huma wrew ix-xewqa li jahdmu Malta peress li x-xoghol fi Sqallija kien naqsilhom u talbu l-ghajnuna tieghu. Fis-sena 2010 Dr Joseph Ellis staqsih kienx jaf b'xi mpriza ta' restawr peress li kienu qeghdin johorgu hafna sejhiet ghall-offerti ghar-restawr tas-swarijiet ta' Malta. Dr Bondin qallu li kien jaf b'ditta u kellem lil Corrada Miloro li tmexxi d-ditta M.C. Restauri. Ftit granet wara li kellimha kienu gew Malta u ltaqghu mal-avukat Ellis u ftehmu li jitfghu l-offerta ghax-xoghlijiet li johorgu.

[1] Affidavit a fol 11 u 12 tal-process

Huwa spjega li l-ewwel offerta li M.C.Restauri u A.F. Ellis (Home Décor) Ltd tefghu kienet ghar-restawr tac-Cittadella ta' Ghawdex. Huwa xehed li kien qieghed isegwi x'kien ghaddej fil-preparazzjoni ta' din l-offerta u kienu jikkonsultawh il-hin kollu kif kellhom jipprocedu. Infatti l-konvenuti kienu jistaqsuh dwar kif l-appalti pubblici kienu jinghataw, dwar il-procedura tal-aggudikazzjoni u kif isiru l-hlasijiet. Huwa semma' wkoll li l-konjugi ma kienux jafu la bl-Ingliz u lanqas bil-Malti u ghalhekk kienu jistaqsuh regolarment dwar xi jfissru certu termini.

Eventwalment il-konsorzju bejn M.C.Restauri u A.F. Ellis (Home Décor) Ltd rebah l-offerta tar-ristawr tas-swar tac-Cittadella. Mill-ewwel pero' beda jqum l-inkwiet bejn is-socji u dan peress li M.C Restauri bdew jippretendu hlasijiet li ma kienux miftehma minn qabel. Ghalhekk kien hemm il-periklu li l-kuntratt ma jigix iffirmat ghaliex l-awtoritajiet  kienu se jirtirawh kif ukoll ghaliex l-istess M.C Restauri kienu qed iheddu li se jirtiraw mill-progett jekk ma jintlahaqx ftehim u huwa kien qieghed jipprova jimmedja bejn il-partijiet.

Kien proprju minhabba din is-sitwazzjoni li huwa kien imsejjah jattendi bosta laqghat kemm f'Malta kif ukoll f'Noto u dan fuq insistenza ta' Corrado u Corrada Miloro. Dawn il-laqghat kienu jdumu sieghat. Isemmi episodju meta l-konjugi Miloro kienu qeghdin jirrifjutaw li jattendu laqgha nizjali li kienet se ssir fic-Cittadella u jghid li kien strumentali sabiex jattendu. Imbaghad attenda ghal diversi laqghat ohra anki fi Sqallija fuq insistenza tal-konvenuti li kienu jdumu sieghat u ghalhekk hadulu hafna hin. Sahansitra darba wkoll akkumpanjahom ghand l-avukat taghhom Dr Peter Fenech.

Wara li ntlahaq ftehim bejn is-socji tal-konsorzju huwa xorta baqa' jaghti l-assistenza u l-pariri fuq diversi affarijiet ohra in konnessjoni ma' dawn ix-xogholijiet fosthom fejn jikru u fejn jikru xi containers u f'Jannar 2011 il-progett beda u ssejjah fuq il-post darbtejn minn Corrada Miloro sabiex jaghtihom pariri dwar kif ser imexxu l-progett. Huwa xehed li kien ghadu qatt ma talabhom hlas ghas-servigi li wettaq imma l-konjugi Miloro minn jeddhom kienu

weghduh li se jaghtuh hlas ta’ €12,000. Fil-fatt f’Dicembru 2010 kienu tawh l-ewwel hlas ta’ €500 u Corrada Miloro qaltlu li ma kinitx se taghtih aktar flus peress li kienet maghfusa minhabba l-ispejjez konnessi mal-offerta. Huma qatghu l-kuntatt mieghu u ghalkemm pprova jasal fi ftehim bonarju ma waslux.

In kontro-ezami[2] xehed li huwa ta pariri lill-konvenuti kemm qabel kif ukoll wara li ntrebah l-appalt u dan sa’ Jannar 2011 sakemm bdew ix-xoghol u qatghu kull kuntatt mieghu. Bhala x’tip ta’ pariri spjega li dawn kienu kemm ta’ natura teknika kif ukoll kien proprju ghall-intervent tieghu li baqghu f’dan il-kuntratt. Il-parti l-kbira tal-kuntatti kienu qabel li ntrebah l-appalt. Il-pariri ma kienux bil-miktub pero’ huwa spjega li l-konvenuti ma kellhomx esperjenza ta’ dan it-tip ta’ xoghol f’Malta u huwa ghandu hamsa u ghoxrin sena esperjenza fil-qasam tar-restawr u b’hekk tahom il-pariri tieghu kif ghandhom isiru l-affarijiet. Huwa jghid *“Dawna tul ammont ta’ xhur kelli naghmel diversi laqghat maghhom kemm Sqallija u kemm hawn, manahsibx li kont se nitla’ Sqallija fuq spejjez tieghi biex sempliciment immur niehu kafe’ hux hekk, jigifieri mort, kont qed naghti parir fuq talba taghhom. Fil-fatt anki meta kellhom il-kwistjoni ma’ Dr Ellis, ma’ A.F. Ellis, bqajt nidher ghan-nom taghhom, sal-ahhar mument bqajt nidher ghan-nom taghhom”.* Huwa x-xoghol ghamlu bi hbieberija u halla f’idejhom liema ammont jaghtuh tant huwa hekk li kieku kellu jitlob persentagg kien jitlob hafna aktar u dan in vista li se jkun hemm qliegh man-nofs miljun Euro.

In ri-ezami xehed li kienu Corrado Mazzara u Dr Corrada Miloro li kienu talbuh biex ikun prezenti f’laqgha li kellha ssir f’Noto u l-iskop ta’ din il-laqgha kien li s-socji jaslu fi ftehim biex jitkompla l-progett. Huwa kien prezenti wkoll ghal-laqghat ohra fosthom dik li saret fl-ufficcju ta’ l-Avukat Ellis fejn finalment intlahaq ftehim u kien prezenti kulhadd.

[2] Seduta tad-9 ta’ Novembru 2012

**L-Avukat Dottor Joseph Ellis**[3] xehed li kien iltaqa' ma' Dr Raymond Bondin f'Gunju/Lulju 2010 u staqsih kienx jaf b'xi ditta biex jaghmlu joint venture halli jidhlu fix-xoghol ta' restawr. Dr Bondin kellem lil Dr Corrada Miloro u r-ragel taghha u gew Malta u bdew jitkellmu. Xi gimghat wara harget is-sejha ghall-offerti tar-restawr tac-cittadella u ddecidew li jitfghu l-offerta taghhom u l-ftehim kien li l-qliegh se jkun nofs bin-nofs. L-attur kien isegwi l-process. Inizjalment l-offerta taghhom giet it-tieni pero' min kien rebah is-sejha gie skwalifikat u b'hekk l-offerta taghhom rebhet. Kif giet aggudikata l-offerta taghhom beda l-inkwiet u dan peress li Dr Miloro bdiet tesigi hlasijiet ghas-servizzi taghha u li meta hadmuha kienu se jispiccaw li se jitilfu l-flus. Meta bdew jinqalghu l-kwistjonijiet beda jintervjeni Dr Bondin biex jipprova jimmedja u l-aktar li beda jintervjeni kien fuq sollecitazzjoni ta' Miloro *"illi perezempju niftehmu laqgha l-ufficcju tieghi l-Belt, jiena bla nkun avzajtu xejn jitfacca dan Ray Bondin."* Dwar il-laqgha gewwa Noto xehed *"U nerga' nghid li ghal din il-laqgha ta' Noto huma kienu qalulu lil Dr Ray Bondin biex jattendi, ahna ma konniex ghidnielu ghas-semplici raguni li kif ghidt jien kont qieghed nissuspetta illi hu aktar kien qieghed ixaqleb lejhom milli kien qed ixaqleb lejna."*

Spjega li saru diversi laqghat u fl-ahhar waslu ghall-ftehim fis-sens li johorgu mill-kuntratt, hadu somma ta' flus li se jithallsu fil-kors ta' sentejn u zammew id-dritt li jfornu l-gebel u d-ditta A.F. Ellis m'ghandhix x'taqsam mal-ispejjez tal-konsorzju li ha l-appalt. L-appalt se jitwettaq mid-ditta konvenuta u li trid taghmel ghall-ispejjez kollha relattivi ghall-appalt. Xehed ukoll li huwa zied mal-costings tal-progett lil Dr Bondin ghaliex ir-ragel ta' Dr Bondin kien qal biex jaghtuh €500 fix-xahar.

**Tonio Ellis**[4] xehed li huwa ltaqa' ma' l-attur l-ewwel darba f'Noto meta marru ghand il-konvenuta biex jiftehmu fuq ix-xoghol li kien hemm, kif se jinhadem u dwar id-divergenzi li kien hemm bejniethom. Lill-attur sabuh hemmhekk u ma kienx gie mghajjat mid-ditta A.F. Ellis.

[3] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2011 a fol 20 et seq tal-process
[4] Seduta tal-20 ta' Jannar 2012 a fol 30 et seq tal-process

Illi l-konvenuta **Dr Corradina Miloro**[5] xehdet li hija ilha 22 sena taghmel xoghol ta' restawr. F'Malta hadmet l-ewwel darba fis-sena 2005 fuq l-orgni tal-Kon-Katidral ta' San Gwann. Xehdet kif iltaqghet ma' Dr Bondin f'Noto u kienu tkellmu u kien kellimha dwar ir-restawr fuq l-orgni. Imbaghad darba l-attur cempel lil zewgha u kien qallu li l-Avukat Ellis kien qieghed ifittex ditta li kellha l-kompetenzi biex tippartecipa f'sejha ghall-offerti u staqsa jekk kienux interessati. Tghid li hejjew id-dokumenti u tefghu l-offerti. Ikkonfermat ukoll li kien Dr Bondin li rreferiha ghand l-avukat Fenech[6]

**Il-Perit Mariella Xuereb**[7] xehdet li meta harget is-sejha ghall-offerti kienet giet avvicinata minn Dr Ellis u huh u talbuha biex tghinhom fil-kumpilazzjoni ta' l-offerta. Hija ltaqghet mal-konvenuta u ddiskutew fir-rigward tax-xoghlijiet li kellhom isiru. Kienu jikkomunikaw permezz ta' e-mails li kienet tikkopja lil Dr Ellis, huh u lill-konvenuta. Kienu wkoll iltaqghu diversi drabi. Ix-xoghol tal-Perit kien relatat mar-rekwiziti li kienu fit-tender li huma certu formoli li riedu jimtlew. Il-method statements kienet hejjithom il-konvenuta peress li hija kienet il-persuna teknika fuq ix-xoghol.

In kontro-ezami tikkonferma li ghas-site meeting li kien sar wara li ntrebah it-tender Dr Bondin kien prezenti wkoll apparti l-partijiet. Qabel ma sehh dan il-meeting kienet diga' tezisti tensjoni bejn iz-zewg ditti. Rigward il-prezzijiet tat-tender meta l-konvenuta kienet tipprezenta prezzijiet jew tissuggerixxi prezzijiet Dr Ellis kien jivverifika mal-prezzario u l-prezzijiet finali kienu maqbulin bejn Dr Ellis u Miloro. Tikkonferma wkoll il-prezenza ta' Dr Bondin ghal-laqgha li saret fl-ufficcju ta' Dr Ellis li fiha gew diskussi xi prezzijiet tal-haddiema li kienu se jahdmu.

Illi **Corrado Mazzara[8],** zewgt il-konvenuta, spjega kif iltaqa' ma' l-attur u li sussegwentement dan ta' l-ahhar

[5] Seduta tas-16 ta' Marzu 2012 a fol 34 et seq tal-process
[6] Seduta tas-17 ta' Mejju 2013 a fol 175 tal-process
[7] Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012 a fol 45 et seq tal-process
[8] Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012 a fol 65 et tal-process

kien cempillu biex ighidlu dwar din is-sejha ghall-offerti. Xehed li kien jigi Malta ma' martu u Dr Bondin. Rah f'Ottubru fl-ufficcju ta' Dr Ellis u f'Novembru meta mar id-dar tieghu. Dan kien wara li kien intrebah it-tender. Ighid li meta ltaqghu fl-ufficcju ta' Dr Ellis kienu ltaqghu biex jiddiskutu u jsolvu xi divergenzi li kellhom. Dr Bondin kien hemm ghaliex qallu Dr Ellis. Meta mar ghandhom Sqallija wasal xil-11.30a.m. u wara l-ikel telaq. In kontro-ezami huwa cahad li tkellmu fuq kumpens ghal Dr Bondin u dwar il-€500 ighid li tawhomlu rigal ghaliex qalilhom li kellu problemi finanzjarji. Huwa cahad li l-attur tahom xi pariri jew konsulenzi.

Illi din il-Qorti ghandha zewg versjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Min-naha wahda l-attur isostni li kien huwa li ghen biex il-konvenuti jkollhom il-kuntatti f'Malta li wasslu biex jirbhu s-sejha ghall-offerti u li fil-process tahom diversi pariri. Oltre' dan meta qam l-inkwiet bejn is-socji tal-konsorzju huwa ntervjena wkoll biex il-partijiet waslu ghall-ftehim. Min-naha l-ohra l-konvenuti jichdu li l-attur irrendilhom xi servigi jew li b'xi mod intervjena meta nqala' l-inkwiet.

Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Montebello vs Peter Montebello et**[9]

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili." (PA (NC)" Frank*

[9] Cit Nru: 2713/1999LSH deciza fid-19 ta' Novembru, 2013

*Giordmania Medici et vs William Rizzo et" - Deciza 28 April 2004).*

*U kif gie kkonfermat fis-sentenza "Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella" (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) :*

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Madanakollu "l-Qorti ....ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u ezaminat id-dokumenti ezebiti tqis li l-versjoni ta' l-attur hija dik l-aktar veritiera u li huwa rnexxilu jipprova li dak allegat minnu sehh. Il-qorti waslet ghal tali konkluzjoni ghal diversi ragunijiet:

i) M'hemmx dubju li "kull xoghol ghandu jigi mhallas" u li "ma hemmx dubju li wiehed ma jistax jassumi li l-attur irrinunzja ghall-pagament" (Vol.XXXVIII.P.II.pp568). U meta persuna tkun accettat hlas zghir ghas-servigi rezi ghaliex qed tigi ttamata mill-persuna servuta li ser ikollha hlas akbar aktar tard, dik il-persuna jkollha dritt ghall-supliment ghar-retribuzzjoni certa u determinata ("Vella -v- Schembri" P.A, Imh. H. Harding -dec. fit-8 ta' Novembru 1998).

ii) L-attur kien konsistenti fix-xhieda tieghu u ssostanzja l-istess testimonjanza b'kopja ta' emails u messaggi permezz tal-mowbajl.

iii) Mhux kontestat li Dr Bondin u Dr Miloro u zewgha ltaqghu diversi snin ilu f'Noto fi Sqallija u kien l-istess Dr

Bondin li kien qalilhom bil-bzonn li kellu jsir restawr fuq l-orgni tal-Kon-Katidral ta’ San Gwann. Ix-xoghol sar infatti mill-konvenuti u jirrizulta li dan kien l-ewwel xoghol lil-konvenuti wettqu fil-gzejjer Maltin. Difatti mhux kontestat li l-konvenuti  ilhom snin twal jaghmlu xoghol ta’ restawr fl-Italja partikolarment fi Sqallija.

iv) Jirrizulta wkoll li ghall-habta ta’ Gunju/Lulju 2010 Dr Ellis iltaqa’ ma’ Dr Bondin f’Ghawdex u staqsih kienx jaf b’xi ditta li tahdem fir-restawr. Kien f’dan l-istadju li l-attur cempel lir-ragel tal-konvenuta u staqsihom kienux interessati. Infatti ftit jiem wara tali telefonata l-konvenuta Dr Miloro u zewgha gew Malta u ltaqghu ma’ Dr Ellis.

v) Ftit gimghat wara harget is-sejha ghall-offerti ghar-restawr tas-swar tac-Cittadella u d-ditta konvenuta u A.F. Ellis (Home Décor) Ltd tefghu l-offerta taghhom u eventwalment l-offerta taghhom intghazlet.

vi) Sabiex din l-offerta ntefghet kien jirrikjedi process shih ta’ preparazzjoni. L-attur isostni li anki f’dan l-istadju nizjali l-konvenuti kienu  jikkonsultawh sia ghall-informazzjoni dwar kif jigu aggudikati appalti pubblici kif ukoll biex jispjegalhom xi termini ladarba huma ma jitkellmux u ma jifhmux bil-lingwa Ingliza. Nonostante c-cahda kategorika tal-konvenuti, din il-Qorti temmen lil Dr Bondin. Ghall-konvenuti din kienet sitwazzjoni gdida f’Malta u Dr Bondin kien il-persuna li kien il-mezz biex dan il-process seta’ jiehu l-kors tieghu. Dak iz-zmien il-konvenuti kienu jafdaw lil Dr Bondin ghaliex ir-relazzjoni taghhom kienet tajba.

vii) Hawnhekk ma jistax ma jigix rilevat li x-xhieda ta’ Corrado Mazzara mhi kredibbli xejn. Huwa kien evaziv fir-risposti tieghu u cahad li Dr Bondin b’xi mod kien ta’ ghajnuna ghalihom. Huwa cahad li tkellem fuq kumpens ghal Dr Bondin ma’ l-avukat Ellis u jghid li l-€500 tahomlu rigal ghaliex Dr Bondin qalilhom li kellu problemi finanzjarji. L-istess attur jichad li qatt tkellem f’dan is-sens maghhom. Il-Qorti ssib li huwa ferm inverosimili li kumbinazzjoni Corrado Mazzara u Dr Miloro iltaqghu ma’

l-attur li beda jilmenta u li zewgt il-konvenuta kellu €500 fil-but (li mhux somma insinifikanti) u qabad u tahomlu.

viii) Il-Qorti wkoll ma tistax temmen lill-konvenuti in vista tas-segwenti emails li inkitbu *a tempo vergine:*

Email tad-9 ta' Novembru 2010 mill-Avukat Dr Ellis lil Dr Miloro

*"Credo che sarebbe in ordine inoltrare le Nostre proposte a Ray pure che ha dedicato cos' tanto tempo per mediare tra di noi:*

Email tal-11 ta' Novembru 2010 minn Dr Miloro lill-Avukat Dr Ellis

*"Dimenticavo, fammi la cortesia di inviare l'email che ti homandato poco fa', a Bondin, perche' non ho il suo indirizzo"*

ix) Huwa ovvju ghalhekk li l-istess konvenuta kienet qeghdha tinvolvi lill-attur u mhux kif ippruvaw jaghtu l-impressjoni l-konvenuti li huwa kien involut biss mid-ditta A.F. Ellis (Home Décor) Ltd. L-istess konvenuta tammetti li l-attur kien prezenti ghal diversi laqghat. Il-Qorti hija konvinta li l-ebda persuna mhi se tinvolvi ruhha u tutilzza l-hin taghha u dan taghmlu bla hlas.

x) Il-Qorti temmen lill-Avukat Dr Ellis meta xehed li huwa flimkien ma' zewgt il-konvenuta u l-konvenuta ddiskutew dwar il-hlas ghal Dr Bondin. Dan huwa rispekkjat f'diversi emails li ntbaghtu:

- Email tad-19 ta' Novembru 2010 mill-attur lil Dr Miloro li fiha jsemmi li se jiehu €12,000.

- F'Email tad-19 ta' Novembru 2010 mill-attur lil Dr Miloro jikteb *"Apprezzo se avro' 2,000e prima di natale e il resto tra mesi quando sareste pagati".*

- <u>F'Email tas-16 ta' Jannar 2011 mill-attur lil Dr Miloro</u> li fiha jissemmew il-€500 li tawh u jinsisti li jaghtuh €1,000 qabel l-ahhar tax-xahar.

- <u>F'Email tat-30 ta' Jannar 2011 mill-attur lil Dr Miloro</u> jsemmi li huma kienu ftehmu fuq €12,000.

- Kien hemm ukoll skambju ta' smses u fis-16 ta' Frar 2011, Dr Miloro baghtet sms lill-attur u fost affarijiet ohra kitbet *"quando sara' possible onorero' il mio impegno per quello che mi compete".*

- <u>F'Email tas-6 ta' Marzu 2011 minn Dr Bondin lil Dr Miloro u lil Dr Peter Fenech</u> li fiha apparti li jissemmew it-€12,000 inkiteb hekk :

*"Siccome il Dr Peter Fenech mi ha ditto che vuoi siete pronti a pagarmi nel momento che ricevete la prima somma dal governo io mi sono fermato tutte le azione perche' ho grande rispetto per il Dr Fenech. Ma faro' questo solamente a una condizione di buona volonta' dale vostre parti. Cioe' io voglio un pagamenti lo stesso di mille euro prima della fine di Marzo. Per il resto mi aspettero' quando saresti pagati dal governo"*

Ghal dawn l-emails l-attur ma inghatax risposta u b'hekk beda l-proceduri. Huwa ovvju li kien hemm qbil dwar korrispettiv ghall-attur ghall-hidma tieghu u li l-konvenuti wara li kienu ftehmu ghal xi raguni jew ohra riedu jmorru lura minn tali ftehim .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuta proprio et noe thallas is-somma ta' hdax-il elf u hames mitt euro (€11,500) bl-ispejjez a karigu taghhom inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 94/2011 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------